MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 1065/2013

**John sive Gianni Vella (ID262952M)**

**vs**

**Maria mart George Micallef (ID Numru 972950M) u l-istess George Micallef (ID Numru 321349M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' John *sive* Gianni Vella datata 8 ta' Novembru 2013 fejn espona:-

1. IIli huwa proprjetarju ta' porzjoni diviza mill-ghalqa maghrufa tad-Dawra kontrada ta' Wied Ghomor, limiti ta' San Gwann, provenjenti lilu b'titolu ta' prelegat mill-wirt t'ommu, Rita Vella li mietet fis-27 ta' Dicembru 2011 (Dok. A u Dok. B), *a sua volta* provenjenti lill-istess Rita Vella mill-kuntratt ta' divizjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Marco

Burlo tal-1 ta' Marzu 2007, hemm deskritta bhala li fiha kejl komplessiv ta' cirka 364.3 metri kwadri u identifikata bhala *plot* numru 1b. (Dok. C).

2. Il-porzjoni diviza ta' art identifikata bin-numru 1b, ghadha *de facto* fil-pussess tal-konvenuti, izda dan minghajr ebda titolu kwalsiasi.

3. Infatti, il-konvenuta Maria Micallef kienet wahda mill-partijiet komparenti fuq l-imsemmi att ta' divizjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo tal-1 ta' Marzu 2007 u lilha gew assenjati b'dak l-att il-porzjonijiet identifikati bin-numri 2a u 2b mill-istess ghalqa Tad-Dawra, b'mod li mal-publikazzjoni tal-kuntratt ta' divizjoni kull titolu tal-konvenuta Maria Micallef fuq ir-rimanenti porzjonijiet mill-imsemmija ghalqa spicca.

4. Illi permezz ta' Ittra legali datata 30 ta' Mejju 2013, l-attur interpella lill-konvenuti sabiex huma jizgumbraw minn dik il-porzjoni diviza identifikata bin-numru 1b u l-benefikati edilizzji eretti fuqha, u minkejja li dawn bir-risposta taghhom (Dok. D) irrikonoxxew li m'ghandhom l-ebda titolu fuq l-imsemmija porzjoni diviza identifikata bin-numru 1b u mill-benefikati edilizzji eretti fuqha, huma baqghu inadepmjenti.

5. Illi ghalhekk l-attur jrid li l-konvenuti jigu kkundannati jizgumbraw mill-imsemmija porzjoni diviza ta' art identifikata bin-numru 1b u mill-benefikati edilizzji eretti fuqha, sabiex din tigi fil-pussess tal-attur bhala libera u vojta.

6. Illi fil-fehma tal-attur jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, billi fil-fehma tal-istess attur, il-konvenuti m'ghandhom ebda eccezzjoni xi jressqu kontra t-talba ghall-izgumbrament mill-imsemmija porzjoni diviza ta' art u l-benefikati edilizzji eretti fuqha.

7. L-attur jaf personalment bil-fatti hawn fuq esposti u jikkonfermahom bil-gurament tieghu.

8. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

**Ragunijiet ghat-Talbiet**

1. Illi kif appena fuq premess, ghalkemm il-konvenuti gew interpellati mill-atturi permezz ta' ittra legali datata 30 ta' Mejju 2013 sabiex jizgumbraw minn dik il-porzjoni diviza mill-ghalqa maghrufa Tad-Dawra, limiti ta' San Gwann, identifikata bhala *plot* 1b, u mill-benefikati edilizzji eretti fuqha, di proprjeta` tal-attur, li l-istess konvenuti llum qed jokkupaw bla ebda titolu validu fil-Ligi, filwaqt li dawn irrikonnoxxew illi m'ghandhom l-ebda titolu fuq l-istess, dawn baqghu inadepmjenti u naqsu milli jaghmlu dak li talbu l-atturi.

2. Illi l-intimati m'ghandhom ebda eccezzjoni x'jaghtu kontra t-talba ghall-izgumbrament mill-imsemmija porzjoni diviza identifikata bin-numru 1b u l-benefikati edilizzji eretti fuqha u li ghalhekk dawn il-proceduri huma proceduri sommarji specjali.

3. Ghalhekk qed tigi istitwita din il-procedura.

**Talbiet**

li ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi, l-attur jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh, ghall-finijiet ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex f'terminu qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss minn din il-Qorti jizgumbraw minn dik il-porzjoni diviza mill-ghalqa Tad-Dawra kontrada ta' Wied Ghomor, limiti ta' San Gwann, di proprjeta' tal-attur, identifikata bhala *plot* 1b, okkorrendo prevja dikjarazzjoni li l-istess konvenuti qed jokkupaw tali porzjoni diviza ta' art minghajr ebda titolu validu fil-Ligi.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra legali datata 30 ta' Mejju 2013, kontra l-konvenuti li huma minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni taghhom; u b'rizerva ta' kull azzjoni ghad-danni spettanti lill-atturi kontra l-konvenuti.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tad-19 ta' Novembru 2013.

Rat illi l-intimati Maria u George Micallef gew notifikati fit-2 ta' Dicembru 2013 kif jidher *a tergo* ta' fol 16 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Dicembru 2013 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Aldo Vella ghall-attur prezenti u Dr. Kathia Mercieca ghall-intimati, li minnhom deher l-intimat li nforma lill-Qorti li qed jidher anke ghan-nom ta' martu, l-intimati l-ohra. L-intimati ammettew it-talbiet attrici. Il-partijiet qablu li ghandhom jinghataw sal-31 ta' Marzu 2014 sabiex jizgumbraw mill-porzjon indiviz tal-ghalqa mertu ta' din il-kawza *ai fini* tat-tieni talba. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-16 ta' Jannar 2014

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Peress li fic-cirkostanzi t-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat jidhru gustifikati u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smigh tal-kawza, skont il-procedura tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, anke peress li t-talbiet huma ammessi mill-intimati.

## II. <u>KONKLUZJONI</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors guramentat datat 8 ta' Novembru 2013** *stante* l-ammissjoni *da parte* tal-intimati, b'dan li l-intimati ghandhom jizgumbraw mill-porzjoni diviza mill-ghalqa tad-Dawra, kontrada ta' Wied Ghomor, limiti ta' San Gwann identifikata bhala **plot 1b** fir-Rikors Guramentat u fl-atti annessi mieghu, u mill-benefikati edilizzji eretti fuqha, di

proprjeta` tal-attur, liema proprjeta` l-intimati qed jokkupaw minghajr l-ebda titolu validu fil-ligi, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2014, liema zmien qed jigi moghti lilhom perentorjament.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra legali datata 30 ta' Mejju 2013 kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------